MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 586/2007

**Talba Nru: 586/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2007, l-isem tas-socjeta' attrici inbidel ghal GO p.l.c.

Vs

Riccardo sive Albert Bartolo (Id. 235969M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn, sitta u sittin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm266.55c) ekwivalenti ghal sitt mija u ghoxrin Ewro u disa u tmenin centezmu (€620.89) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku bin-numru 21484647,

skond diversi kontijiet mibghuta lil-konvenut, li gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' mitejn, sitta u sittin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm266.55c) ekwivalenti ghal sitt mija u ghoxrin Ewro u disa u tmenin centezmu (€620.89), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------